MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 532/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Jamie Stuart Maher

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti, u konfermat bil-gurament minn Joseph Borg Cardona, li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata fit-3 ta' Jannar 2006 (Dok A) is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Jamie Stuart Maher.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Jamie Stuart Maher fis-somma ta' tlettax-il elf, u disgha u sitta Ewro (€13,069) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Jamie Stuart Maher mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa

B2 u C1 sa C4) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Mejju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u esebita mar-rikors bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jamie Stuart Maher:

a naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` attrici kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Jamie Stuart Maher li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi r-rikorrent *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Jamie Stuart Maher gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata fit-2 ta' Settembru 2009 li kopja taghha giet esebita mar-rikors u immarkata Dok D, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u esebita mar-rikors bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jamie Stuart Maher (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Jamie Stuart Maher li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lil Jamie Stuart Maher ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf, u disgha u

sitta Ewro (€13,069) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Jamie Stuart Maher mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B2 u C1 sa C4) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Mejju 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fit-2 ta’ Settembru 2009 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat fis-seduta tal-lum deher l-intimat, ta ruhu b’notifikat, ammetta t-talba fir-rikors guramentat u iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li tinghata sentenza f’dan is-sens.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jamie Stuart Maher (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Jamie Stuart Maher li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Jamie Stuart Maher ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €13,069 bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Jamie Stuart Maher mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Mejju 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------